NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

**Nru. 393.** **SETTEMBRU 2009.**

==============================================================

**Siltiet mill-ittra Pastorali tal-E.T. Mons Mario Grech Isqof ta' Għawdex**

**Fl-okkażjoni tal-tal-Festa Marija Mtellgħa fis-Sema-2009**

## Alla jagħmel ġustizzja mal-magħżulin tiegħu

Għeżież uliedi,

B'għafsa ta' qalb ninnota li fostna hemm diversi li jokorbu għax iħossuhom vittmi ta' xi inġustizzja fis-sens wiesa' tal-kelma. Dan ifisser li fostna hemm ukoll minn huwa responsabbli għal dawn l-għemejjel li jidorbu lill-bniedem.

## Għemejjel ta' inġustizzja

Jgħid sewwa l-Papa Benedittu XVI li l-ateiżmu ta' żminijietna – meta l-bniedem qed ifassal ħajtu u l-ħajja soċjali daqs li kieku Alla ma jeżistix – wassal għal għamliet akbar ta' moħqrija u ksur tal-ġustizzja.[1] Soċjetà li jidhrilha li Alla huwa żejjed jew xkiel, hija konvinta li tista' toħloq hija stess il-ġustizzja skont kif tħoss, jidhrilha u jaqblilha. Il-futur ta' din ix-xorta ta' soċjetà huwa tassew imċajpar għax, kif jgħid il-filosofu Pascal, "il-bniedem waħdu ma jistax ikun jaf x'inhi l-ġustizzja".[2]

Dan tikkonfermah l-esperjenza tagħna llum li qed insiru torox għal Alla! Infatti l-faxxa tal-inġustizzji qiegħda dejjem titwessa':

- meta xi ħadd jew xi grupp jipprova jħammeġ l-isem jew il-memorja ta' persuna billi jxerred qlajjiet bil-ħsieb li jdgħajfilha l-kredibilità jew ixekkilha fix-xogħol tagħha.
- Għandna familji li m'għadhomx familja minħabba l-mod inġust kif tqassam il-ġid tal-familja; aħwa li ma jitkellmux minħabba abbużi konnessi mal-wirt; familji li minħabba ndħil ta' terzi sabu ruħhom misruqa, anke b'manipolazzjoni tal-liġi, mill-patrimonju tal-familja; familji vittmi tal-użura.
- Bħalma hemm familji li sofrew serq tal-ġid materjali, hemm familji oħra li ġew misruqa minn ġid ogħla: il-fedeltà fiż-żwieġ. L-infedeltà fiż-żwieġ tiġri meta raġel jitfa' għajnejh fuq mara miżżewġa jew mara titfa' għajnejha fuq raġel miżżewweġ; dan iċaħħad lill-parti l-oħra fiż-żwieġ u lil uliedha minn persuna li tkun tagħhom. Din hija wkoll inġustizzja kontra l-istess istituzzjoni taż-żwieġ u l-familja.
- Fuq livell soċjali, insemmi l-kriżi finanzjarja li laqtet id-dinja. Kieku l-istituzzjonijiet finanzjarji mxew bi kriterji ġusti u amministraw b'mod korrett il-ġid li ħafna afdawlhom, kieku kien ikun evitat ħafna faqar soċjali ġdid…….
- 

**N.B.Siltiet oħra jidhru fin-Newsheets li jmissu.**

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

**FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI 2009-2010 TAL-AZZJONI KATTOLIKA F'GĦAWDEX**

**<u>Is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2009</u>** ser isir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali fuq bażi djoċesana 2009 -2010 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Tibda fil-5.00p.m b'diskors tal-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika,Power-Point dwar is-Sena u wara quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Il-membri kollha huma mitluba li jattendu.

---

[1] Benedittu XVI, *Spe Salvi*, 42.
[2] Blaise Pascal, *Pensieri*, n.300.P

## Kalendarju Pastorali
## Settembru – 2009
## Numru 393.

| | |
|---|---|
| 3 Ħamis | San Girgor il-Kbir Papa u Duttur tal-Knisja. Tifkira (0) |
| | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m. |
| 4.Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 5.Sibt | L-Ewwel Sibt tax-xahar. Beata Tereża ta' Kalkutta – Tifkira. |
| | Kunsill Presbiterali fiċ-Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m. |
| | Laqgħa tal-Moviment Missjunarju fis-Seminarju fil-5.00p.m. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Ħamet li jibda fit-8.30p.m. |
| 6.Ħadd | It-23 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B. paġina 458. |
| | Festa tal-Madonna tal-Karmnu – Xlendi. |
| 7.Tnejn | Tifkira tal-Bidu tal-Leġjun ta' Marija. 7 ta' Setembru 1921. |
| 8.Tlieta | It-Twelid ta' l-Imqaddsa Verġni Marija – Festa. |
| | Festa ta' Marija Bambina – Parroċċa Xagħra. |
| | Jum il-Vitorja Festa Nazzjonali |
| 9.Erbgħa | San Pietru Claver presbiteru. Tifkira. |
| 12.Sibt | L-Isem ta' l-Imqaddsa Verġni Marija - Tifkira. |
| | Tibda Żjara Pastorali tal-Isqof Mario Grech fil-Brażil. – Nitolbu għalih. |
| | Il-5 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30p.m.Adorazzjoni solenni u fis- 7.00p.m. Quddiesa u wara pellegrinaġġ ta' Talb . |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 13.Ħadd | L-24 Ħadd tas-Sena. Messalin sena B. paġina 463. |
| | Festa tal-Madonna tal-Grazzja – Knisja tal-Kapuċċini, Victoria. |
| | Irtir għas-saċerdoti Manresa mit-13-18 ta' Settembru. |
| 14.Tnejn | Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Messalin Sena A. p.473. |
| 15.Tlieta | L-Imqaddsa Verġni Marija tad-Duluri – Tifkira (0). |
| 16.Erbgħa | San Kornelju,Papa u San Ċiprijanu, Isqof,martri – Tifkira (0). |
| | Il-145 Anniversarju tat-twaqqif tad-Djoċesi Għawdxija – Festa. |
| 17.Ħamis | San Roberto Bellarmino, isqof u duttur tal-Knisja –Tifkira. |
| | San Franġisk fl-għoti tal-Pjagi –Tifkira. |
| 19.Sibt | San Ġennaru,isqof u martri – Tifkira |
| | Irtir għaż-Żgħażagħ |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. Fil-Knisja ta' San Franġisk, Victoria fit-8.30p.m. |
| 20.Ħadd | Il-25 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B. Paġina 469. |
| | Irtir għaż-Żgħażagħ. |
| | Assemblea tal-Komunitajiet Ewkaristici – (4p.m.-7p.m.) |
| 21.Tnejn | San Mattew apostlu u evanġelista – Festa. |
| | Jum l-Indipendenza (Festa Nazzjonali). |
| 22-25 | Ġimgħa Kateketika. |
| 23.Erbgħa | San Piju minn Pietrelcina presbiteru. Tifkira (0) |
| 26.Sibt | San Kosma u San Damjan, martri – Tifkira.San Kosma u San Damjan, martri – Tifkira. |
| | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Katidral li tibda fis-7.15p.m. Il-Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. ser isir fil-Knisja ta' Sant'Anton Abbati, Xagħra li jibda bil-quddiesa fit-8.30p.m. |
| 27.Ħadd | Is-26 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena B. Paġina 475. |
| | Festa ta' Ġesu' Nazzarenu – Knisja tan-Nazzarenu , Xagħra. |
| 29.Tlieta | L-Arkanġli Mqaddsa, Mikiel, Gabrijel u Rafel. – Festa. |
| 30.Erbgħa | San Ġlormu Saċerdot u Duttur tal-Knisja. Tifkira (0). |
| | "Min ma jafx l-Iskrittura ma jafx lil Kristu". |

****************************************************************************

**INĦEĠĠU LIL KULĦADD SABIEX JATTENDI GĦAT-TAGĦLIM TAL-KATEKIŻMU SKOND IL-KATEGORIJA TIEGĦU**
**"IT-TAGĦLIM HUWA L-GĦAN TA' KULL ĠID"**

---

**Ngħidu r-Rużarju kollu kuljum lill-Madonna b'ħeġġa kbira fix-xahar li ġej ta' Ottubru**

==========================================================